FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Frar , 2002

**Avviz Nru: 375/01 PM**

**Burmarrad Commercials Limited**

**Vs**

**Direct Imports Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' sitta u sebghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (LM76.44c) rapprezentanti xoghol maghmul mis-socjeta' attrici fuq "refrigerated van".

Ra li s-socjeta' konvenuta eccepiet li l-ebda xoghol ma sar fuq il-vann, tant li l-vann baqa’ ma jkessahx u jekk saru xi xogholijiet dawn ma sarux skond is-sengha u l-arti, tant li l-vann kellu jittiehed ghand terzi persuni biex isirulu r-riparazzjonijiet mehtiega u dan a spejjez tas-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti esebiti u x-xhieda.

Illi Edward Refalo ghas-socjeta' konvenuta qal li wara li sar ix-xoghol ir-“refrigeration” ma kienx jahdem kif suppost. Illi x-xoghol allegatament sar f’Settembru, 2000. Jekk is-socjeta' konvenuta kienet tippretendi li ma kellhiex thallas dan l-ammont kellha tiehu passi biex turi li x-xoghol ma sarx tajjeb. Skond is-socjeta' konvenuta kien hemm bzonn li tiehu l-vann ghand terzi persuni. Setghet facilment gabet rapport minn dawn it-terzi (jew minn xi hadd indipendenti) dwar il-kundizzjoni tar-“refrigeration” u tipprezenta l-istess, izda naqset li taghmel dan. Setghet ukoll tiehu l-vann lura jekk indunat li x-xoghol ma sarx kif suppost izda naqset li taghmel dan.

Is-socjeta' konvenuta ma gabitx provi li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

It-Tribunal ghalhekk jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jikkundanna l-istess socjeta’ thallas l-ammont mitlub bl-imghax u l-ispejjez kif mitlub.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**